*Trade mark jew sinjal invokat insostenn tal-oppożizzjoni:* it-trade mark verbali Komunitarja Nru 4 017 836 u t-trade mark verbali Ġermaniża Nru 30 415 017.1 "Qualifiers 2006", it-trade mark verbali/figurattiva Ġermaniża Nru 30 414 610.2 "2006 QUALIFIERS", it-trade mark verbali Ġermaniża Nru 30 515 033.2 "Qualifiers 2008" kif ukoll it-trade mark verbali/figurattiva Ġermaniża Nru 30 565 616.3 "2008 QUALIFIERS", kollha rreġistrati, fost l-oħrajn, għal prodotti fil-klassi 12

*Deċiżjoni tad-Diviżjoni tal-Oppożizzjoni:* oppożizzjoni milqugħa

*Deċiżjoni tal-Bord tal-Appell:* appell miċħud

*Motivi invokati:* ksur tal-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament Nru 207/2009 [1], għaliex ma teżistix probabbiltà ta' konfużjoni bejn it-trade marks kunfliġġenti

[1] Regolament (KE) tal-Kunsill Nru 207/2009, tas-26 ta' Frar 2009, dwar it-trade mark Komunitarja (ĠU 2009, L 78, p. 1).

## Rikors ippreżentat fl-14 ta' Ottubru 2009 — Honda Motor vs UASI — Blok (BLAST)

**(Kawża T-425/09)**

(2009/C 312/64)

*Lingwa tar-rikors: L-Ingliż*

### Partijiet

*Rikorrenti:* Honda Motor Co., Ltd. (Tokjo, il-Ġappun) (rappreżentant: M. Graf, avukat)

*Konvenut:* L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni)

*Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell:* Hendrik Blok (Oudenaarde, il-Belġju)

### Talbiet tar-rikorrenti

— tannulla d-deċiżjoni tal-Ewwel Bord tal-Appell tal-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni tas-Suq Intern (Trade marks u Disinni), tas-16 ta' Lulju 2009, fil-Każ R 1097/2008-1;

— tikkundanna lill-UASI għall-ispejjeż.

### Motivi u argumenti prinċipali

*Applikant għat-trade mark Komunitarja:* Honda Motor Co., Ltd.

*Trade mark Komunitarja kkonċernata:* It-trade mark verbali "BLAST", għal prodotti fil-klassijiet 7 u 12

*Proprjetarju tat-trade mark jew tas-sinjal invokat insostenn tal-oppożizzjoni:* Hendrik Blok

*Trade mark jew sinjal invokat insostenn tal-oppożizzjoni:* Ir-reġistrazzjoni Komunitarja tat-trade mark verbali "BLAST" għal prodotti u servizzi fil-klassijiet 7, 35 u 37; ir-reġistrazzjoni bħala trade mark fil-Benelux tat-trade mark verbali "BLAST" għal prodotti u servizzi fil-klassijiet 7, 35 u 37.

*Deċiżjoni tad-Diviżjoni tal-Oppożizzjoni:* Oppożizzjoni milqugħa

*Deċiżjoni tal-Bord tal-Appell:* Appell miċħud

*Motivi invokati:* Ksur tal-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament tal-Kunsill 40/94 (li sar l-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament tal-Kunsill 207/2009) peress li l-Bord tal-Appell iddeċieda b'mod żbaljat li kien hemm probabbiltà ta' konfużjoni bejn it-trade marks ikkonċernati.

## Rikors ippreżentat fit-22 ta' Ottubru 2009 — centrotherm Clean Solutions vs UASI — Centrotherm Systemtechnik (CENTROTHERM)

**(Kawża T-427/09)**

(2009/C 312/65)

*Lingwa tar-rikors: Il-Ġermaniż*

### Partijiet

*Rikorrenti:* centrotherm Clean Solutions GmbH & Co. KG (Blaubeuren, il-Ġermanja) (rappreżentant: O. Löffel, avukat)

*Konvenut:* L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni)

*Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell:* Centrotherm Systemtechnik GmbH (Brilon, il-Ġermanja)

### Talbiet tar-rikorrenti

— tannulla d-deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-UASI, tal-25 ta' Awwissu 2009, fil-Każ R 6/2008-4, safejn tiġi miċħuda t-talba għal revoka għall-prodotti li ġejjin:

Klassi 11 — Tubi għall-gass tal-impjanti tat-tisħin, pajpijiet taċ-ċmieni, pajpijiet għal kaldaruni tat-tisħin, aċċessorji għall-berner tal-gass, partijiet mekkaniċi tal-impjanti ta' tisħin, partijiet mekkaniċi tal-impjanti tal-gass, viti għal pajpijiet; reġistru taċ-ċmieni;

Klassi 17 — Ġonot, ġonġituri, rinforz għal pajpijiet, pajpijiet flessibbli, u l-prodotti mhux magħmula mill-metall li mhumiex imsemmija iktar 'il fuq;

Klasi 19 — Pajpijiet, tubi, b'mod partikolari għal kostruzzjoni; pajpijiet ta' konnessjoni; kanen taċ-ċmieni;

— tikkundanna lill-UASI għall-ispejjeż.

### Motivi u argumenti prinċipali

*Trade mark Komunitarja rreġistrata li hija s-suġġett tat-talba għal dikjarazzjoni ta' invalidità:* it-trade mark verbali "CENTROTHERM" għal prodotti u servizzi fil-klassijiet 11, 17, 19 u 42 (Trade mark Komunitarja Nru 1 301 013)

*Proprjetarju tat-trade mark Komunitarja:* Centrotherm Systemtechnik GmbH

*Parti li qed titlob id-dikjarazzjoni ta' invalidità tat-trade mark Komunitarja:* ir-rikorrenti

*Deċiżjoni tad-Diviżjoni tal-Kanċellament:* dikjarazzjoni ta' revoka tat-trade mark Komunitarja

*Deċiżjoni tal-Bord tal-Appell:* deċiżjoni tad-Diviżjoni tal-Oppożizzjoni anullata parzjalment u dikjarazzjoni parzjali ta' revoka tat-trade mark Komunitarja

*Motivi invokati:* ksur tal-Artikolu 51(1)(a) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009 [1], flimkien mar-Regola 40(5) u r-Regola 22(2) u (3) tar-Regolament (KE) Nru 2868/95 [2], peress li l-provi mressqa fir-rigward tal-użu tat-trade mark mill-proprjetarju kienu suffiċjenti sabiex jiġi kkonstatat l-użu effettiv tat-trade mark inkwistjoni, skont l-Artikolu 15 tar-Regolament Nru 207/2009

---

(1) Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 207/2009, tas-26 ta' Frar 2009, dwar it-trade mark Komunitarja (ĠU 2009, L 78, p. 1)

(2) Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2868/95, tat-13 ta' Diċembru 1995, li jimplimenta r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 40/94 dwar it-trade mark tal-Komunità (ĠU Edizzjoni Speċjali: Kapitolu 17, Volum 01, p. 189)

---

## Rikors ippreżentat fid-29 ta' Ottubru 2009 — TTNB SARL vs UASI — March (Tila March)

### (Kawża T-433/09)

(2009/C 312/66)

*Lingwa tal-preżentata tar-rikors: Il-Franċiż*

### Partijiet

*Rikorrenti:* TTNB SARL (rappreżentant: J.-M. Moiroux, avocat)

*Konvenut:* L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni)

*Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell:* Juan Carmen March (Madrid, Spanja)

### Talbiet tar-rikorrenti

— tannulla d-deċiżjoni mogħtija mill-Ewwel Bord tal-Appell tal-UASI, fl-20 ta' Awwissu 2009, fil-Każ R 1538/2008-2, u tawtorizza r-reġistrazzjoni tat-trade mark li għaliha saret l-applikazzjoni;

— tikkundanna lill-UASI għall-ispejjeż.

### Motivi u argumenti prinċipali

*Applikant għat-trade mark Komunitarja:* Tamara Taichman, bir-rikorrenti bħala s-suċċessur tagħha

*Trade mark Komunitarja kkonċernata:* it-trade mark verbali "Tila March" għal prodotti fil-klassijiet 3, 18 u 25 — Applikazzjoni għal reġistrazzjoni Nru 5 402 722

*Proprjetarju tat-trade mark jew tas-sinjal invokat fil-proċedimenti ta' oppożizzjoni:* Carmen March Juan

*Trade mark jew sinjal invokat:* it-trade mark verbali Spanjola "CARMEN MARCH" għal prodotti u servizzi fil-klassijiet 3, 18, 24, 25, 35 u 38, billi l-oppożizzjoni kienet diretta kontra r-reġistrazzjoni għal prodotti fil-klassijiet 3, 18 u 25

*Deċiżjoni tad-Diviżjoni tal-Oppożizzjoni:* oppożizzjoni miċħuda

*Deċiżjoni tal-Bord tal-Appell:* annullament tad-deċiżjoni tad-Diviżjoni tal-Oppożizzjoni

*Motivi invokati:* ksur tal-Artikolu 8(1)(b), tar-Regolament (KE) Nru 40/94 (li sar l-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009) minħabba n-nuqqas ta' probabbiltà ta' konfużjoni bejn it-trade Marks kunfliġġenti.

---

## Rikors ippreżentat fis-26 ta' Ottubru 2009 — Centrotherm Systemtechnik vs UASI — centrotherm Clean Solutions (CENTROTHERM)

### (Kawża T-434/09)

(2009/C 312/67)

*Lingwa tar-rikors: Il-Ġermaniż*

### Partijiet

*Rikorrenti:* Centrotherm Systemtechnik GmbH (Brilon, il-Ġermanja) (rappreżentant: J. Albrecht, avukat)

*Konvenut:* L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni)

*Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell:* centrotherm Clean Solutions GmbH & Co. KG (Blaubeuren, il-Ġermanja)

### Talbiet tar-rikorrenti

— tannulla d-Deċiżjoni R 6/2008-4 tar-Raba' Bord tal-Appell, tal-25 ta' Awwissu 2009, sa fejn tintlaqa' t-talba għal revoka;

— tikkundanna lill-konvenut għall-ispejjeż;

— tikkundanna lill-eventwali intervenjent għall-ispejjeż sostnuti fl-intervent.